**9 ta' Lulju, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

L-Avukat Reno Borg

*versus*

1. Joseph N. Tabone, Chairman u għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Ltd.,
2. Renè Formosa, General Manager Administration tal-Bank of Valletta Ltd. u għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Ltd., u
3. L-Avukat Tonio Azzopardi (Chairman), John Soler (Manager) u Anthony Camilleri (Manager) membri tal-Bord ta' Dixxiplina fil-każ: Bank of Valletta Ltd. vs. Dr. Reno Borg

## Appell minn digriet – Digriet Interlokutorju – Ċitazzjoni

*Jista' jkun hemm appell minn digriet interlokutorju fi żmien jumejn minn meta jingħata dak id-digriet.*

*M'hemm ebda forma ta' appell minn digriet definittiv, ħlief permezz tal-proċedura in kontradittorju, u ċjoè b'ċitazzjoni jew att ieħor promotorju.*

*Jista' jkun hemm appell minn sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat li din hija sentenza wara r-rikors ta' appell, ta' l-intimati, minn deċiżjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Ġunju 1991, li fiha, dik il-Qorti, wara li ttrattat diversi kwistjonijiet li l-kontendenti ssolevaw waqt l-istess trattazzjoni tal-kontroversja – laqgħet it-talba u ħarġet il-mandat ta' inibizzjoni li intalab, mill-avukat Borg;

Ikkunsidrat fuq il-punt ta' dritt proċedurali rigward l-appellabbilità o meno tad-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti:

Sas-sena 1913, l-ebda digriet ta' qorti fl-ewwel grad ma kien jista' jiġi appellat. F'dik is-sena, ingħata il-fakoltà li digriet interlokutorju jista' jiġi appellat fi żmien jumejn, minn meta jingħata, billi sa dik is-sena kull digriet seta' jiġi biss appellat flimkien ma' l-appell tal-ġudizzju finali. (Ordinanza XV ta' l-1913);

Din il-bidla però limitata għad-digrieti interlokutorju **biss,** ċjoè dawk l-ordinanzi li jirregolaw l-andament tal-proċediment ta' kawża u mhux ordinanzi oħra – kif diġà ġie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza tat-8 ta' Frar 1946 fil-kawża fl-ismijiet

– Borg vs Dr. Chetucti noe. (Vol. XXXII.I.341):-

"..... ma jidhirx li hemm ebda forma kif jista' jsir dak l-appell u ż-żmien meħtieġ fil-każ ta' digrieti definittivi; preċiżament għaliex, '*ut sic*' ma hemmx appell minnhom, salva l-proċedura in kontradittorju ....." ċjoè permezz ta' ċitazzjoni, jew att ieħor promotorju u idoneju;

Id-deċiżjoni emanata minn Qorti ta' l-ewwel grad li biha jiġi konċess jew miċħud mandat ta' inibizzjoni – kif inhuwa l-każ de quo – ingħatat minn din il-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża fl-ismijiet Antonio Sammut vs Paolo Sammut et fit-18 ta' Frar 1963, li qalet li deċiżjoni, fuq tali mandat:

"la hu (hija) definittiv u l-anqas interlokutorju, u l-anqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju iżda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat...

L-appell (sic) minn dan id-digriet isir permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digiret u mis-sentenza li tingħata fuq **dik iċ-ċitazzjoni** jista' eventwalment ikun hemm appell lil din il-Qorti;"

Din is-sentenza ġiet segwita, minn din il-Qorti fl-appell fl-ismijiet:- Joseph Depares *et noe.* vs Mario Pullicino *et noe.*" tad-29 ta' Ġunju 1979, u ebda raġuni ma nagħtat **f'dan il-preżenti appell** biex jiġġustifika lill-Qorti li ma ssegwix din il-ġurisprudenza f'dan il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell interpost huwa irritu u null u qed jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.